KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

TAS-SLIEMA

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 85

Il-ħamsa u tmenin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 26 ta' Gunju 2018 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** (Skont Ordni Permanenti 14A (3) | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.11 b'din l-Agenda:*

*85.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*85.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*85.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*85.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*85.5 Rapporti;*
*85.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*85.7 Reply to Management Letter*
*85.8 Quarterly Financial Report – Jannar sa Marzu 2018*
*85.9 Nuqqas ta' Attendenza ta' Kunsillier ;*
*85.10 BBQ Bye Law*
*85.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*85.12 Mozzjonijiet ;*
*85.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

**85.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

85.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku K. Busietta biex jiġi skuzat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li l-Vici Sindku jiġi reġistrat bħala Assenti b'Apologija.

**85.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

85.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 84 tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

85.2.2 Il-Kunsillier P. Radmilli talab li tizdied minuta f'punt 84.3.6 sabiex turi illi dak illi huwa qal kien b'riferenza ghad-diskussjonijiet ma TM dwar *junctions* godda, u mhux dwar ix-xoghlijiet ta' Triq il-Kbira.

85.2.3 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 84. Il-Kunsillier D. Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 84_24/05/2018*

**85.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

85.3.1 Is-Sindku qassam lista tar-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera, dan sabiex ifakkar li kulħadd għandu jzomm mar-responsabbilita tiegħu u kulħadd ikollu l-opportunita jiġġustifika l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier P. Radmilli ġibed l-attenzjoni li l-Kumitat *Responsabbilitajiet tal-Kunsilliera*

tal-*Planning* mhux qiegħed inkluz f'din il-lista. Kien hemm qbil li jiġi inkluz. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera li jekk hemm xi ħaġa oħra li mhux inkluza jistgħu jiġbdu l-attenzjoni.

85.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera dwar il-proġett pjanat mit-Transport Malta dwar is-servizz tal-*Ferry Boat* minn Tas-Sliema għal Marsamxett, u lokalitajiet ohra fil-vicin. Is-Sindku informa li hemm ħsieb li jinbeda x-xogħol minn Ottubru 2019. *Proġett pjanat mit-TM Ferry Boat*

Is-Sindku prezenta l-pjanti tal-progett li saru min Transport Malta. Is-Sindku spjega kif sakemm isir x-xogħol se jingħalaq parti mill-*promenade*. Il-ħsieb huwa li jkun hemm *terminal* li jinkludi faċilitajiet għall-passiġiera, izda għal dan għad irid jibda l-proċess mal-PA. Il-Kunsillier M. Briguglio talab li kemm jista jkun għal dawn il-proġetti ma jinqalgħux siġar ezistenti. Ġie nnotat li f'dik l-area ma jidhirx li hemm siġar li se jiġu affetwati. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk il-Kunsill jistghax isaqsi għall-parir professjonali b'mod holistiku dwar l-impatti ambjentali u socjali dwar dan il-progett.

Il-Kunsillier J. Pillow qal li hu aktar konċernat li ssir struttura tajba f'kaz li tinqala grigalata, biex ikun hemm qlugħ kif suppost, u b'hekk il-bahar ma jibqghax jitla fuq il-*promenade*. Is-Sindku qal li l-istruttura u l-ippjanar għad irid jiġi approvat mil-PA. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa hux qed jaħsbu għall-uzu tal-moll min kumpaniji privati ta' *pleasure cruises* għaliex wara li jiġu approvati l-pjanti ikun tard wisq. Il-Kunsill qabel ma' dan il-prinċipju, u kien hemm qbil ukoll li niġbdu l-attenzjoni tat-TM dwar dawn il-punti li ġejjin:

a. Li jkun hemm ħsieb kemm għas-saħħa u għall-indafa tal-baħar.
b. Ħsieb ta' struttura tajba f'kaz ta' grigalata
c. Li jsiru studji neċessarji (ambjentali, trasport u soċjali)

Il-Kunsill qabel ukoll la darba dan il-proġett jiġi approvat u l-post jiġi f'qaghda ahjar milli qieghed, il-Kunsil jipproponi li l-*istands* (bħal tal-Captain Morgan etc.) jiġu inkluzi mal-proġett b'mod li jkunu organizzati u ma jxekklux aktar il-passagg fuq il-*promenade*.

85.3.3 Is-Sindku informa li x-xogħol fi Triq San Trofimu lest. Il-Kunsill irċieva *core tests* kif ukoll ċertifikazzjoni mill-perit li r-*retention fee* li kienet mizmuma tista titħallas. Il-pagament tħallas. Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li l-kuntratur għad irid idur l-bankini għaliex fejn inbiddlu l-*pipes* tal-ilma baqgħu mkissra. Il-Kunsill għandu jkellem *Triq San Trofimu*

lill-kuntrattur.

85.3.4 Is-Sindku informa li qegħdin isiru l-pjanijiet neċessarji għax-xogħlijiet fi Triq il-Kbira. Is-Sindku informa li l-Kunsill kellhu laqgħa mac-Cermen tal-Awtorita gdida tat-Toroq. Il-Kunsill ġie infurmat li waqt din il-laqgħa ġew issuġġeriti biex isiru Triq Manwel Dimech sax-Xatt kif ukoll Tower Road (minn Zara sa' Europa Hotel). Dwar Triq it-Torri jista jkun hemm il-possibilta li x-xogħol isir bil-lejl minħabba t-traffiku min TM stess. *Triq il-Kbira, Triq Manwel Dimech u Triq it-Torri*

Dwar Triq Manwel Dimech, il-Kunsill għandu jtihom stima u eventwalment jiġu rifonduti l-fondi jekk TM taqbel ma din l-istima.

Is-Sindku informa ukoll li waqt din il-laqgħa l-Kunsill ġie diskuss l-intopp li nqala peress li f'Mejju l-PA iddeciediet li ma tkomplix tiffinanzja progetti ta' toroq mill-fond tal-UDF. Ic-Cermen tal-Awtorita gdida tat-Toroq informa lill-Kunsill li huma ma ghandhomnx hsieb jghamlu Triq il-Kbira. Ghaldaqstant, ghandu isir kuntatt bejniethom u l-PA sabiex Triq il-Kbira tigi finanzjata mill-fond tal-UDF.

85.3.5 Fir-rigward ta' Triq Nicolo Isouard (minn Blanche sa Santa Margerita) il-Kunsill se jagħmel ħiltu biex ilaħħaq sa' Mejju 2019 kif kien proġettat. *Triq Nicolo Isouard*

85.3.6 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar il-manutenzjoni u t-tindif tal-latrini. Il-Kunsill ġie infurmat li t-tender gdid ħareġ għaliex se jiskadi f'Awissu 2018 u ghaldaqstant daqt tista ssir evalwazzjoni tal-offerti godda. Sadanittant, is-Segretarju Ezekuttiv reġa fakkar li hu kien saqsa l-AKL għall-*attendants*. Il-Kunsill ġie infurmat li hu intitolat għal erba' ħaddiema u l-Kunsill ikkonferma li l-Kunsill għandu bzonnhom bħala *attendants.* L-AKL infurmaw lill-Kunsill li ghad-fadal xi diskussjonijet xi jsiru sabiex dawn il-haddiema ikunu jistghu jitqassmu b'mod gust bejn il-Kunsilli. *Latrini pubbliċi*

85.3.7 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa f'hiex wasal il-proġett ta' Triq Dingli. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li qiegħed jiġbor stimi ta' *civil works,* sigar u gradilji. Xorta wahda ma jistghax isir skavar fis-sajf. *Proġett Triq Dingli*

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jrid joħroġ tender għal *pit guards* eventwalment. Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li l-kurduna trid tkun bi ftit taħt il-bankina biex il-ħadida toqgħod magħha, u b'hekk tigi livell mal-wicc tal-bankina. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li wara li jkollu l-

istimi kollha jibgħathom UDF għall-finanzjament.

## 85.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIER

85.4.1 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li għandha tiġi koordinata laqgħa mal-perit flimkien mas-Sur Antoine Gatt li huwa *Landscape Architect/Consultant* biex jiġu diskussi *green roofs* sabiex ikun hemm aktar enerġija efficjenti, *insulation* etc fil-progett tal-Latrina fix-Xatt. F'kaz li ssir laqgħa l-Kunsilliera P. Radmilli u M. Briguglio qalu li jixtiequ jkunu prezenti. *Green roofs*

85.4.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace fakkret li kellhom isiru sardinell fil-pots ta' fejn il-Hole in the Wall kif ukoll isiru *nettings* madwar il-pots biex ma jintefax skart fihom. Ġie nnotat li l-bollards twaħħlu u inqalgħu minn resident stess, u għandhom jerġgħu jitpoġġew min Transport Malta. Ir-resident gie rrapurtat lill-Pulizija. Il-Kunsillier D. Muscat issuġġerixxa li għandu jitpoġġa bin ieħor. *Hole in The Wall*

85.4.3 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għat-talba li għamel il-Perit Edward Said dwar *scheduling* ta' bini/propjeta f'Tas-Sliema, li jinkludu 'Villa Portelli' fi Triq l-Imrabat, 109, Triq Sir Adrian Dingli kif ukoll 'The Homestead' Triq il-Kulleġġ l-Antik.

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fis-19.13*

Il-Kunsillier Briguglio propona li l-Kunsill għandu jappoġġja dawn ir-rakomandazzjonijiet.

*Il-Kunsillier P. Portelli ħareġ fid-19.18 u daħal lura fis-19.20*

Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li dawn it-tlett postijiet imsemmija jintbgħatu għar-rakkomandazzjoni lil PA biex jiġu inkluzi fil-lista ta' bini skedat f'Tas-Sliema.

85.4.4 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-inizjattiva li prezentaw it-Trasport Malta dwar il-*European Mobilty Week* u saqsa jekk il-Kunsill ġiex ikkonsultat. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibgħat lit-TM u jsaqsi jekk l-inizjattivi hux diġa pjanati jew jekk il-Kunsill iridx jissottometti l-pjanijiet tiegħu. *European Mobility Week*

85.4.5 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa f'hiex wasal il-proċess tal-RPZ. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien bgħat numru ta' proposti lill-AKL fejn dawn kellhom jiġu diskussi mal-Kabinet. Izda l-Kunsill għadu ma *RPZ*

rċeviex risposta dwar dawn id-diskussjonijiet.

*85.4.6* Il-Kunsill iddiskuta wkoll għandux ibiddel l-avukat sabiex jara x'passi jistgħu jittiehdu fuq *diskriminazzjoni*. Il-Kunsill ippostpona din id-diskussjoni.

**85.5 RAPPORTI**

85.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**85.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

85.6.1 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li iltaqgħet mas-Sinjura Pisani li prezentat l-isketch u l-istima għal bust ta' Tony Nichol. Hemm il-ħsieb li dan isir quddiem il-*club* ta' Sliema Wanderers, fit-tarf ta' Pjazza Sant' Anna. Il-Kunsilliera V. Galea Pace għandha tgħaddi l-i*sketch* u l-istima lis-Segretarju Ezekuttiv fejn eventwalment jibgħata lill-Kunsilliera kollha b'email. Ġie nnotat li l-Kunsill ikollu bzonn permess mill-PA għal dan. Il-Kunsill qabel li għandu jibda l-proċess mal-PA u eventwalment jipprova jitlob il-fondi mill-UDF biex isir il-monument. *Tony Nichol*

85.6.2 Il-Kunsillier D. Muscat irrefera għaz-zjara li għamlu fi Bialystok fejn qal li l-Kunsill irreċiproka l-istedina lis-Sindku ta' Bialystok biex jiġu Malta f'Ottubru 2018 għal Tas-Sliema Wirt u Niesha. Is-Sindku ta' Bialystok qal li ma jistghax jagħti risposta għalissa minħabba li qiegħed jistenna li toħroġ id-data tal-elezzjoni tagħhom peress li se jkun qiegħed jerga jikkontesta. *Bialystok*

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-19.38*

85.6.3 Gie nnotat li l-laqgħa mar-Regjun Centrali dwar *EU funding* tista tiġi kkonfermata. *Laqgħa mar-Reġjun*

85.6.4 Il-Kunsillier P. Portelli fakkar lil min irid jikteb fil-fuljett tal-Kunsill irid jibgħat l-artiklu tiegħu sa' l-aħħar ta' Lulju 2018 lilu stess jew lill-Kunsillier D. Muscat inkella ma jkunx jista joħroġ f'Settembru 2018 qabel l-attivita Tas-Sliema Wirt u Niesha. Il-Kunsill irid jagħmel kuntatt ukoll ma dawk li kienu jirriklamaw fil-magazine kif ukoll nsibu *designer* għal magazine. Il-Kunsillier D. Muscat se jagħmel kuntatt ma' min kien jikteb artikli storiċi biex min ikun interessat jista jibgħat *Magazine tal-Kunsill*

ukoll sa l-aħħar ta' Lulju 2018.

85.6.5 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għat-tender tal-iskart fejn talab jekk jistghax jiġi inkluz fit-*tender* biex il-Kunsill ikollu aċċess għad-*data tracking* tat-trakkijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ma jistghax jiġi inkluz f'dan l-istadju skont il-proċeduri tat-tenders, ghax issa ghadda iz-zmien li l-Kunsill jista johrog informazzjoni addizzjonali. Li jista, forsi, li jsir ftehim mal-kuntrattur wara l-iffirmar tal-kuntratt u f'kaz li jsir qbil, issir *addendum*. *Tender tal-knis*

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata mis-seduta fit-19.45*

85.6.6 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għat-tender tal-*contracts manager* fejn qara u spjega r-rapport magħmul mil-bord tal-evalwazzjoni. Il-Kunsill ġie infurmat li ntefgħu tlett offerti. *Contracts Manager tender*

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw daħlet lura fis-19.52*

Il-bord irrakomanda biex l-kuntratt jingħata lill-kumpanija Synthesis Management Services Ltd. bħala l-irħas offerta li hija *administrative and technical compliant* ghall-valur totali ta' Eur41,280 (Eskluz il-VAT). Kien hemm qbil mill-Kunsilliera mar-rakkomandazzjoni tal-Bord. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fakkret li jrid isir rapport mil-*contracts manager* tax-xogħlijiet. Kien hemm qbil li r-rapport mil-*contracts manager* irid jintbgħat kull xahar, fejn dan jintbgħat lill-Kunsilliera mal-Agenda għall-laqgħa tal-Kunsill.

85.6.7 Ġie nnotat li minkejja l-istqarrija li ħarġet l-MTA dwar is-*Summer Breaktime* mix-xogħol ta' skavar u twaqqigħ mill-15 ta' Gunju 2018 sat-30 ta' Settembru 2018 xorta hawn siti ta' kostruzzjoni li għadhom qegħdin jaħdmu. Il-Kunsill għamel diversi rapporti u mistoqsijiet lil *Building Regulations Office* izda dawn mhumiex qegħdin jirrispondu lill-Kunsill. *Building Regulations Office*

Il-Kunsillier P. Radmilli propona li l-Kunsill għandu jsaqsi: liema huma dawk is-siti li xorta ngħataw permess li jaħdmu fis-sajf, u liema entita tagħat dan il-permess. Il-Kunsill ghandu jsaqsu ukoll b'liema setgha legali l-BRO tista' tghati dawn l-estenzjonijiet. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat b'mod uffiċċjali lis-Segretarju Parlamentari Chris Agius fejn nistaqsuh dawn il-mistoqsijiet u ninfurmawh li l-Kunsill qiegħed isaqsi lilu għaliex mhux qiegħed jirċievi *feedback* mill-BRO.

## 85.7 REPLY TO MANAGEMENT LETTER

85.7.1 L-accountant tal-Kunsill kien prezenti fejn spjega l-*management letter* kif ukoll ir-risposti proposti min-naħa tal-Kunsill. Fost notamenti oħra l-accountant ġibed l-attenzjoni li l-awdituri reġgħu semgħu l-kaz tal-*fairy lights*. Ġie ssuġġerit li issa għadda zmien bizzejjed u l-Kunsill jista, fuq parir tal-avukat, jikteb din l-ispiza bhala preskritta u l-ammonti jitneħħew mill-kotba tal-kunsill.

Reġa ġie nnotat, ukoll, li l-perit David Vassallo baqa ma bgħatx kontijiet għax-xogħliijiet li kien ċċertifika, u l-istess għadda zmien bizzejjed li l-ammonti li ġew *accrued* jistgħu jiġu *written off* f'kaz ta' qbil. Kien hemm qbil mil-Kunsilliera prezenti dwar dawn iz-zewġ punti.

85.7.2 L-awdituri rrimarkaw ukoll dwar l-*insurance policy* għaliex il-Kunsill mhux qiegħed kopert bizzejjed għall-valur ta' assi illi ghandu. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jara l-*insurance policy* u jinkludi emendi fit-tender li jmiss, li hiereg f'Dicembru 2018, wara diskussjoni mal-accountant.

85.7.3 L-awdituri irrimarkaw ukoll li kien hemm pagamenti ta' kuntrattur tax-xogħlijiet fit-toroq li nħarreġ il-pagament qabel is-seduta tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega u fakkar li kienet ittieħdet deċizjoni li dawn il-pagamenti jistgħu jintbgħatu qabel il-Kunsill la darba jiġu ċċertifikati mil-perit tal-Kunsill. Spjega ukoll lill-awdituri kif dawn ikollhom bzonn il-flus għaliex jinxtara materjal b'mod kontinwu u huwa mezz kif ikunu jsitgħu jkomplu jaħdmu f'Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel.

85.7.4 Gie nnotat li jrid jiltaqa l-kumitat tal-finanzi għar-revizjoni tal-budget. Id-data se tiġi deċiza aktar tard.

85.7.5 Il-Kunsill approva r-risposta għall-*mangement letter*.

## 85.8 QUARTERLY FINANCIAL REPORT – JANNAR SA MARZU 2018

85.8.1 L-accountant tal-Kunsill spjega il-*quarterly financial report* u qal li l-Kunsill qiegħed *in line* mal-budget.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fit-20.43*

85.8.2 Il-Kunsill approva l-*quarterly financial report*.

**85.9 NUQQAS T'ATTENDENZA TA' KUNSILLIER**

85.9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsilliera N. Castaldi Paris se tkun falliet ammont ta' laqgħat tal-Kunsill u skont l-liġi hu obbligat li jikteb lill-Ministru fejn jinforma jekk il-Kunsill jaqbilx li l-post tal-Kunsilliera Castaldi Paris jiġix kunsidrat bħala post vakant.

85.9.2 Kien hemm qbil mill-Kunsill li l-post ma jkunx kunsidrat vakanti għall-Kunsilliera N. Castaldi Paris għaliex ir-raġuni li falliet hija waħda valida.

**85.10 BBQ BYE LAW**

85.10.1 Saret diskussjoni dwar jekk għandiex issir *bye law* dwar BBQs f'Tas-Sliema. Kien hemm diversi reazzjonijiet bħal jekk għandhomx jiġu eskluzi *areas* partikolari u f'dak il-kaz ikun inġust għar-residenti għaliex ikun hemm min jikkumenta għaliex quddiemu jsitgħu jsiru u quddiem ħadd ieħor le. Kien hemm qbil li jibqa kollox kif inhu u l-*bye law* ma ssirx.

Is-Sindku irrimarka la darba l-Kunsilliera prezenti qablu b'mod unanimu għal din id-deċizjoni kulħadd irid iġorr ir-responsabbilta ta' din id-deċizjoni. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li l-gwardjani lokali kienu jinzlu fuq il-blat u jsaqsu għall-identifikazzjoni ta' min ikun qiegħed jagħmel il BBQ fejn wara l-*area* tiġi spezzjonata jekk ikunx tħalla ħmieġ. Il-Kunsill għandu jfakkar lill-gwardjani lokali. Kien hemm qbil ukoll li jitpoġġew *charcoal bins* u l-Kunsill għandu jsaqsi lill-*Cleansing Department* għal dan.

**85.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

85.11.1 Il-Kunsillier J. Pillow reġa rrimarka dwar il-pagament dwar il-*cash in transit*, għaliex il-Kunsill qiegħed jiġbor flus tal-permessi bil-gwardjani lill-LESA u b'hekk jaqbel li dawn għandhom iħallsu l-parti tagħhom. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li għaddejja kommunikazzjoni mal-AKL dwar dan ukoll. Minkejja dan, għandu jkellem lil Liz Vassallo tal-LESA.

85.11.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-kont pagabbli lil *Big Save*

*Leyton*. Gie pprezentat il-kont fuq il-mejda u s-Segretarju Ezekuttiv spjega li dawn huma *sheets* tal-hadid maqtugħin li qed jintuqghu fil-progett tal-canopies fi Gnien Indipendenza.

85.11.3 Gie nnotat kont numru 57 pagabbli lid-Director General Works Division ta' xogħol li kien sar fit-2015 u l-kont intbgħat issa. Kien hemm qbil li dan il-pagament jinzamm *on hold*.

*Il-Kunsilliera V. Galea Pace ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fid-21.15*

85.11.4 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet minbarra numru 57. Il-Kunsillier J. Pillow propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier P. Portelli issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati kollha u jinzamm numru 57 *on hold.* *Approvazzjoni tal-pagamenti*

85.11.5 Kien hemm qbil li jiltaqa l-kumitat tal-finanzi nhar l-Erbgħa 4 ta' Lulju fit-3pm. *Kumitat tal-finanzi*

85.11.6 Kien hemm qbil li jiltaqa l-kumitat offerti pubbliċi għall-għazla tal-kuntratt tal-iskart nhar l-Erbgħa 4 ta' Lulju fl-4pm. Kien hemm qbil li l-bord ikun magħmul mis-Sindku, l-Kunsilliera P. Radmilli, J. Pillow u D. Muscat. *Kumitat tal-finanzi*

**85.12 MOZZJONIJIET**

85.12.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**85.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

85.13.1 Is-seduta ntemmet fid-21.27 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar it-Tlieta 17 ta' Lulju 2018 fis-6pm.

Minuti approvati llum 17/07/2018

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**Anthony Chircop** **Matthew Dimech**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**